Nisrani t-tifsir ta' *Kattoliku* — u għar-raġunijiet li ġibt fl-ittra l-oħra — allura li wieħed isejjaħ "Protestant" "Mhux Nisrani" dan mhux malapropiżmu. Imma mingħala l-korrispondent ni" dan mhux malapropiżmu. Imma mingħala l-korrispondent. Nistaqsi: il-poplu Malta taħa dan it-tifsir għax hu illitterat. Nistaqsi: Bilfors li min hu illitterat ma jirraġunax? U bilfors li min hu letterat jirraġuna?

Nirringrazzja lis-Sur Albert M. Cassola talli qagħad iweġibni, u nittama li din il-kitba tagħna għad tiswa meta xi ħadd ieħor għad forsi jerġa' jċaqlaq din il-kustjoni pendenti aktar 'il quddiem.

ĠUŻI ABELA.

---

## LURA

*Ta'* ĠUŻI ABELA

Ħabbat għal tliet darbiet· Ħadd ma fetaħlu.
U dar biex jerġa' lura lejn id-dar.
U xħin għalaq il-grada tifla ċkejkna,
Ħaddejha qronfla, għajnejha jtajru x-xrar,
Ħafja kif kienet, resqet fuqu u qaltlu:
"Sinjur, hemmhekk ma jkun hemm ħadd bin-nhar".
Mar l-għada fil-għaxija. Id-dar mudlama.
Ħabbat. Ma wieġeb ħadd. Tgħid ġà reqdin?
Mel' x'qaltlu l-bieraħ dik it-tifla ċkejkna?
U stenna għal ftit minuti twal is-snin.
U mbagħ'd xħin dar biex jaqbad triqtu lura,
Kemm xtaqha tiġi t-tifla dak il-ħin!
Iskot. Hemm fl-art, hemm taħt it-tieqa, stenbħet,
It-tifla ċkejkna, għajnejha kbar għajjiena.
"Ommok fejn hi?" staqsieha. "Ommi qed tisħar.
Għaliex missieri miet, sinjur, u jiena,
Jien ma nafux, sinjur, kont għadni ċkejkna.
Ommi u jien, sinjur, ngħixu bil-ħniena".
U beka dak il-ħin missier b'qalb niedma,
U għannaq dawk l-għajnejn itajru x-xrar.
"Jiena missierek, binti. Jiena ser naħdem
U inti hawn tkun, m'ommok, tul in-nhar".
Ħabbat did-darba l-qalb ta' bintu ċkejkna,
U lura ma raġax did-darba lejn id-dar......



## LILL-WARDA TAS-SUR IVO

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

*Lil Ħabibi Anton Agius*
*li ħajjarni niktibhom.*

I

M'hemmx għalfejn noqgħod ninħela
biex ninsiġlek il-foħrija
tal-ġmel tiegħek, għax biżżejjed
tgħid li int Warda Maltija
biex kulħadd malajr jintebaħ
illi fik hemm elf sbuħija.

II

M'hemmx għalfejn noqgħod insemmi
dik il-fwiħa li tagħnik,
li tnessina d-Djieq tal-Ħajja,
fwieħa mbierka li tħennik,
għax poeti oħra qabli
ġà għannew elf għanja għalik.

III

U m'hemmx ħtieġa li ninħela
biex nistqarr kemm jisgħobbija
talli ħajtek hi hekk mgħaġġla,
— ħolma, mewġa qabbiżija —
li bil-kemm tkun rat il-Bidu
li ma ssibx f'salt it-Temmija.

IV

Iżda għal mitt-elf-darba nibqa'
nitlob f'qalbi tul iż-żmien
li jekk ħajti ma tkunx tixbah
dik il-fwieħa u dawk l-ilwien
li int għandek — iva, nitlob
illi *qablek* nintemm jien.

---

### ĠAHWAR TA' ĦSEBIJIET

Il-bniedem qatt ma għandu jistħi jgħid li għandu tort, jiġifieri illi huwa l-lum jaħseb aħjar minn qabel.

Biċċa min-nies taħseb bla ma tagħmel, oħrajn jagħmlu bla ma jaħsbu.